MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2012

Numru. 659/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Paolo Soldi**

Il-Qorti ;

Rat li imputat Paolo Soldi ta' 47 sena, bin Virgiglio u Franca nee' Boeris, imwieled l-Italja, fit-28 ta' Gunju 1961, residenti f' 67, Triq Manwel Dimech, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' numru 33143(A) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Marzu 2006 u fil-jiem ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt

ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ha u zamm ghandu l-ammont ta’ elfejn seba’ mija u sitt ewro u sebgha u hamsin centezmu ta’ l-ewro (€2706.57) (ekwivalenti ghal Lm1161.93) ghad-dannu ta’ FFF Services Limited u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija b’ kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Gunju 2008 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-20 ta’ Marzu 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri inbdew wara li l-Pulizija rcevew kwerela datata 19 ta Settembru 2006 minghand Dr. Kris Borg ghan-nom tal-klijent tieghu Paul Micallef fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur tas-socjeta’ FFF Services Limited[1] fejn il-Pulizija intalbu jiehdu proceduri kontra l-imputat fil-kawza odjerna, Paolo Soldi, ghall-approprijazzjoni indebita tas-somma ta’ Lm1,161.93. Paul Micallef kemm meta tkellem mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet [2], kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta’ Gunju 2010 allega li l-imputat kien talbu jiffinanzjah

---

[1] Kwerela relattiva inserita a fol. 20 u 21 tal-atti processwali.
[2] Ara xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa’ inserita a fol. 15 sa 19 tal-atti processwali.

sabiex jibda jimporta il-laham mill-Italja u talbu wkoll jipprovdielu servizzi ta' warehousing u huma waslu ghal ftehim fejn is-socjeta' FFF Services Limited kellha tiffinanzja lill-imputat u tiehu commission fuq il-bejgh tal-laham minnu mibjugh. Micallef jghid li huwa kien jipprovdi ktieb vojt tal-fatturi lil-imputat u dan tal-ahhar meta kien jikkonsenja il-merkanzija kien johrog fatturi minn fuq dan il-ktieb u huwa sostna li dan kien isir sabiex FFF Services ikollha kontroll ta' dak li kien qed ibiegh l-imputat. Micallef isostni wkoll li huwa kien ftiehem mal-imputat li l-flus li kien jigbor mill-bejgh kellu jghaddihom kollha lli FFF Services Limited sabiex jithallas il-finazjament li kienet ghamlet din il-kumpanija. Il-kwerelant isostni li l-imputat biegh il-merkanzija u gabar l-ammonti indikati fil-fatturi li kopji taghhom jinsabu inseriti a fol. 32 sa 38 tal-atti processwali u zamm il-flus minghajr ma kkonsenjahom lis-socjeta' FFF Services Limited kif kien obbligat li jaghmel.

Ikkunsdirat:

Illi mill-provi effettivament irrizulta li l-imputat gabar dawn il-flus meta biegh il-merkanzija indikata fl-imsemmija fatturi u dan ghaliex il-Prosekuzzjoni tellghat jixhdu lil persuni li lilhom inbieghet il-merkanzija fejn dawn ilkoll ikkonfermaw li kienu xtraw il-merkanzija u hallsu lill-imputat.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 30 sa 31 tal-atti processwali kif ukoll meta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-4 ta' Novembru 2011 filwaqt li kkonferma li huwa kien ghabba l-ammont ta Lm1,161.93 minghand il-persuni li lilhom kienet inbieghet il-mekanzija spjega li r-relazzjoni kontrattwali bejnu bhala direttur ta' Panam Limited u bejn il-kwerelant kienet ferm differenti minn dik indikata lil Pulizija u f'dawn il-proceduri mill-istess kwerelant. L-imputat spjega li huwa kien biegh il-merkanzija lis-socjeta' FFF Services Limited u huwa mbaghad kien jagixxi ghan-nom tal-istess socjeta' bhala speci ta' middileman u jiehu hsieb il-bejgh u l-konsenja tal-merkanzija lil terzi. Huwa cahad li b'xi mod is-socjeta FFF

Services Limited kienet iffinanzjatu anzi sostna li kienet l-istess socjeta' li kienet debitrici lejh fl-ammont ta' Lm5,602.05 bhala prezz ta' laham li huwa kien biegh lilha. L-imputat spjega li kien ghal din ir-raguni li l-fatturi kienu jinhargu fuq FFF Services Limited ghaliex il-laham li huwa kien qed ibiegh lil terzi kien ikun propjeta' ta' FFF Services wara li din tal-ahhar tkun xtratu minghandu. L-imputat spjega li minhabba li l-imsemmija socjeta' kienet debitrici lejh u lejn is-socjeta' minnu gestita Panam Limited Paul Miclallef ghan-nom ta' FFF Services Limited kien awtorizzah verbalment sabiex izomm il-flus li kien qed jigbor mill-bejgh tal-laham lil terzi akkont tal-bilanc dovut lil Panam Limited minn FFF Services Limited. L-imputat esebixxa kopji ta' zewg rapporti maghmula mill-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea kif ukoll kopja ta' sentenza fil-proceduri ntavolati kemm mill-imputat permezz tas-socjeta' minnu gestita Panam Limited kontra s-socjeta' FFF Services Limited kif ukoll fil-proceduri ntavolati fl-ismijiet inversi fejn is-socjeta' FFF Services Limited giet dikjarata bhala debitrici tas-socjeta' Panam Limited fis-somma ta' €10,719 (Lm4602.05) u fejn ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet f'dawk il-proceduri, u cioe' il-kwerelant u s-socjeta' gestita mill-imputat, giet stabbilita li kienet dik indikata mill-imputat meta huwa xehed fil-proceduri odjerni. Id-Difiza esebiet ukoll kopja ta' sentenza tad-29 ta' Frar 2012[3] tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gew konfermati il-konkluzjonijiet raggunti mill-espert legali. L-imputat isostni li l-kwerelant baghat il-kwerela li permezz taghha inbdew il-proceduri odjerni wara li huwa gie notifikat bil-proceduri civili li l-istess imputat kien intavola fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta ben tajjeb mill-esposizzjoni tal-fatti fil-paragrafi precedenti din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti djametrikalment opposti u kunfliggenti. Ghalkemm mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li jezistu dubji ragonevoli dwar it-tezi tal-kwerelant u ovvjament tali dubji

[3] Inserita a fol. 170 et sequitur.

ghandhom jimmilitaw favur l-imputat. Il-Qorti izda jidrilha wkoll li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-ammont ta’ flus minnu mizmum kien hekk inzamm bil-kunsens tas-socjeta’ FFF Services Limited bhala pagament akkont tal-ammont dovut lilu mill-istess socjeta’ bhala prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha. Huwa fil-fatt irnexxielu jgib provi li jindikaw li l-istess socjeta’ giet dikjarata debitrici tas-socjeta’ minnu gestita fis-somma ndikata aktar ‘il fuq u li r-relazzjoni kuntrattwali bejnu u bejn FFF Services Limited kienet dik indikata minnu. Tenut kont ta’ dan kollu l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li gabet provi lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat huwa hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------